**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL- HAMIS 22 TA' NOVEMBRU, 2001**

**Numru: 8**

**Avviz Nru: 258/01 AE**

**Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom tas-socjeta estera Royal & Sun AllianceInsurance plc bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmel Mifsud u l-istess Carmel Mifsud**

**vs**

**Loredana Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi qeghdin jitolbu l-hlsa ta' mija u tnax-il lira Maltija u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm112.27) hlas dovut ghal danni sofferti mill-atturi in konnessjoni ma' l-incident tat-traffiku li sehh fil-11 ta' Ottubru 1999 gewwa Msida Seafront bejn il-vettura numru AAA

512 misjuqa minn Carmel Mifsud u l-vettura bhin-numru BAP 584 misjuqa mill-konvenuta.

Ra r-risposta li pprezentat il-konvenuta u li permezz taghha kkontestat ir-responsabbilta ghall-incident tat-traffiku in kwistjoni.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra l-verbal tas-seduta 7 ta' Novembru 2001 li permezz tieghu l-kawa giet differita ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

1. Il-meritu ta' dan il-kaz huwa incident tat-traffiku li sehh gewwa l-Msida, bejn il-vettura bin-numru AAA 512 misjuqa minn Carmel Mifsud (iben l-attur) u l-vettura bin-numru BAP 584 misjuqa mill-konvenuta.

2. L-incident sehh f'dik il-parti ta' St. Joseph Drive, Msida fejn hemm il-*playing fields* qabel ma tohrog ghal fuq Msida Seafront. Il-vettura misjuqa minn Carmel Mifsud kienet fuq il-lane ma' gemb il-*playing fields*, waqt li dik misjuqa mill-konvenuta kienet fuq ix-xellug tal-vettura misjuqa minn Carmel Mifsud.

3. Carmel Mifsud xehed li huwa waqaf u kien qieghed jistenna li ma jkunx ghaddej traffiku sabiex johrog ghal fuq it-triq prinicipali (Msida Seafront). Kompla jghid li *"il-vettura tal-konvenuta wkoll waqfet vicin tal-vettura tieghi. Dejjem fuq in-naha tax-xellug, giet karrozza tal-linja min-naha tal-Pieta'. Ghandi nghid li dan ix-xarabank kien gej ghal fuqna. Kif il-konvenuta rat hekk, hi kisret fuqi u laqtitni".*

4. Loredana Zammit xehdet li hija kienet wieqfa thares fuq ix-xellug taghha u tistenna l-mument f'waqtu sabiex tohrog ghal fuq it-triq principali. Tikkonferma li f'hin minnhom semghet "hoss qawwi" u li *"fil-hin li jiena smajt dan il-hoss il-karrozza kienet wieqfa".* Kompliet tghid li: *"Kemm il-karrozza tieghi, jigifieri BAP 584 kif ukoll il-karrozza l-ohra AAA 512 ma kellhomx hsara b'rizultat ta' dan l-impatt".*

5. Is-sewwieqa taw verzjonijiet kontrastanti ta' dak li gara fil-11 ta' Ottubru 1999. Kif tajjeb inghad fil-kawza fl-ismijiet **G. Mifsud vs P. Micallef** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Lulju 1997: *"meta l-verzjonijiet taz-zewg paritjiet fil-kawza t-tnejn huma kredibbli u verosimili, l-Qorti ma tistax tiddeciedi favur l-attur, jekk ma jkunx hemm prova sufficjenti li jemani l-bilanc tal-probabilitajiet favur l-istess attur".*

6. Kuntrarjament ghal dak li xehdet il-konvenuta, hsara fil-vetturi (ghalkemm minima) saret b'rizultat ta' l-impatt. Mir-rapport li hejja l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz jirrizulta li l-vettura misjuqa minn iben l-attur kellha hsara fil-*"left front door"* (ara fol. 25). Min-naha l-ohra l-hsara fuq il-vettura tal-konvenuta kienet fuq il-*mudguard* ta' quddiem u l-bumper. Skond il-pulzija l-vetttura tal-konvenuta ma kellhiex hsara fuq il-faccata taghha.

7. Il-verzjoni moghtija minn Carmel Mifsud meta xehed fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2001 hija differenti mill-verzjoni moghtija minnu lill-pulizija (ara rapport a fol. 24 tal-process). Fir-rapport jinghad li *"Car BAP 584 came up from behind him on his left hand side and hit against his front left door and wheel"*. Min-naha l-ohra meta xehed quddiem it-Tribunal iddikjara li l-vettura tal-konvenuta kienet wieqfa ma gemb il-vettura li kien qieghed isuq hu, u li f'hin minnhom qalghet minn postha u kisret ghal fuqu. Huwa atribwixxa dan l-agir ghall-fatt li f'dak il-hin kienet ghaddejja xarbank minn Msida Seafront li *"kien gej ghal fuqna"*. Sahansitra xehed li *"naqbel illi t-tort kienet tax-xarabank; pero' jiena m'ghandhix htija"*.

8. It-Tribunal huwa tal-fehma li meta wiehed jikkunsidra:

   (a) Il-posizzjoni tal-hsara fil-vetturi rispettivi. Kif rajna l-hsara fil-vettura ta' l-attur saret fil-bieba ta' quddiem (in-naha

tal-passiggier), filwaqt li l-karrozza tal-konvenuta kellha hsara fil-mudguard u l-bumper.

(b) L-angolatura tat-triq fejn sehh l-incident;

(c) Il-posizzjoni tal-vetturi fit-triq fil-hin ta' l-incident, in kwantu l-konvenuta kienet *"on the left hand side lane"* (ara fol. 25) u Carmel Mifsud kien *"on the right hand side lane"* (ara fol. 25),

il-verzjoni moghtija mill-konvenuta, in kwantu din qalet li fil-hin ta' l-incident il-vettura taghha kienet wieqfa, m'hijiex verosimili. It-Tribunal huwa tal-fehma li kienet il-vettura tal-konvenuta li baqghet diehla fil-vettura misjuqa minn Carmel Mifsud u mhux l-oppost. Kieku l-kollizzjoni grat bil-mod kif iddeskriviet il-konvenuta, il-hsara fil-vettura misjuqa minn Carmel Mifsud ma kenitx ser tkun biss fil-bieba ta' quddiem.

9. Fir-rigward tax-xarabank, Carmel Mifsud xehed li *"kien gej ghal fuqna"* (fol. 31). Madankollu t-terza persuna ma gietx identifikata. Fil-kawza fl-ismijiet **Victor Camilleri proprio et nomine et vs Nazzareno Cutajar** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Dicembru 1968 inghad: *"Kieku stess jitqies pruvat li kien hemm in-negligenza ta' terz injot u li kkonkorriet man-negligenza ta' l-istess konvenut biex jigi kawzat l-incident, il-konkluzjoni ma kellhiex tkun illi, fil-konfront tal-atturi, il-konvenut jitqies responsabbli f'parti biss. F'kaz bhal dan l-atturi ghandhom dritt isegwu d-danni kollha minghand il-*

*konvenut salv talolta lil dan, id-dritt li jindenizza ruhu, jekk jista' minghand it-terz ghall-parti tieghu ghall-htija".* Insenjament li gie adottat mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **George Borg et vs Margaret Grima** deciza fis-6 ta' Ottubru 1999. Inoltre, fl-ebda stadju tal-proceduri l-konvenuta ma ssollevat l-eccezzjoni li l-incident sehh minhabba s-sewqan ta' terza persuna, anzi hija nsistiet li l-vettura taghha kienet u baqghet wieqfa fil-hin ta' l-incident. Minhabba l-azzjoni li hadet il-konvenuta spiccat baqghet diehla fil-vettura ta' hdejha. Mhuwiex eskluz li hija fehmet (kif wara kollox jidher li fehem is-sewwieq tal-vettura l-ohra) li x-xarabank kienet ser tahbat fil-karrozza taghha u kisret ghal fuq il-lemin taghha (fejn kienet tinsab il-vettura misjuqa minn Carmel Mifsud). F'kull kaz jidher li bil-manuvra li ghamlet il-konvenuta qatt ma seta' jirnexxielha tiskapula x-xarabank peress li z-zewg vetturi kienu (skond il-verzjoni moghtija minn Carmel Mifsud) weqfin hdejn xulxin jistennew sabiex johorgu ghal fuq Msida Seafront. Ghalhekk il-vettura tal-konvenuta ftit li xejn setghet iccaqalqet minn postha u jidher li madankollu x-xarabank baqghet ghaddejja fi triqtha minghajr ma sehh ebda incident.

10. Ghaldaqstant, t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz huwa tal-fehma li l-konvenuta hija unikament responsabbli ghall-incident u ghall-hsara li saret fil-vettura ta' l-attur.

11. Fil-kors tal-proceduri l-*quantum* tad-danni reklamati ma gewx ikkontestati mill-konvenuta. Irrizulta wkoll li t-tiswija saret.

Ghaldaqstant, it-Tribunal filwaqt li qieghed jiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fil-11 ta' Ottubru 1999 gewwa l-Msida, jikkudannaha thallas is-somma ta' mija u tnax-il lira Maltija u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm112.27) kif jinghad fl-avviz tat-talba. L-imghax fuq dan l-ammont ghandu jiddekorri mid-data tal-prezentata ta' l-avviz tat-talba.

Bl-ispejjez (ghat-tenur ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) kontra l-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**